C/2024/2462

27.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11517 – CKI / CKA / PHOENIX ENERGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2462)

1. Fl-20 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CK Infrastructure Holdings Limited ("CKI", Bermuda), ikkontrollata minn CK Hutchison Holdings Limited (Il-Gżejjer Cayman),

— CK Asset Holdings Limited ("CKA", il-Gżejjer Cayman),

— Phoenix Energy Holdings Limited u s-sussidjajri tagħha ("Phoenix Energy", ir-Renju Unit).

CKI u CKA se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Phoenix Energy kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CKI hija kumpanija globali ta' infrastruttura li għandha investimenti diversifikati fl-infrastruttura tal-enerġija, fl-infrastruttura tat-trasport, fl-infrastruttura tal-ilma, fil-ġestjoni tal-iskart, fl-irkupru enerġetiku, fl-infrastruttura domestika u fin-negozju relatat mal-infrastruttura,

— CKA hija komglomerat multinazzjonali b'attivitajiet varji, fost l-oħrajn, l-iżvilupp tal-proprjetà u l-investiment, il-ġestjoni tal-proprjetajiet u tal-proġetti, l-infrastruttura u l-operat ta' assi utilitarji,

— Phoenix Energy hija s-sid u topera d-distribuzzjoni tal-gass fiż-żoni ta' Belfast, Larne, East Down u Whitehead fl-Irlanda ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11517 – CKI / CKA / PHOENIX ENERGY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË